# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 ta' Lulju 2024**

**Rikors numru 73/2024 fl-ismijiet:**

**Nikola LULIC (Passaport Serb numru 014024696) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu, l-Avukat Dr. Sarah Sultana (K.I.0012581M)**

**vs.**

**Mr Green Limited (C43260)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Mr Green Limited;

Rat ir-risposta tal-Av. Sarah Sultana bħala mandatarja ta' Nikola LULIC;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha fil-proċeduri;

Semgħet lill-abbli Difensuri tal-partijiet li trattaw ir-rikors.

Fir-risposta tiegħu l-intimat jisħaq li l-effetti ta' dan il-mandat eżekuttiv setgħu jiġu sospiżi pendenti l-proċeduri mibdija bir-rikors numru **69/2024AB** fl-ismijiet **Mr Green Limited vs. Nikola LULIC** biex imbagħad jiġu regolati skont l-eżitu ta' dawk il-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li qieset numru ta' deċiżjonijiet li ingħataw qabel dwar pendenzi simili, din il-Qorti tqis li Mr Green Limited pruvat li għamlet il-proċeduri appożiti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi de quo ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, kif ukoll li għandha *probabilis causa litigandi*.

Mill-banda l-oħra stante dak previst fl-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, pendenti dawk il-proċeduri, din il-Qorti taqbel li għandha tagħti l-ordni li l-ammont depożitati ma jkunux żbankati minn ebda waħda mill-partijiet għajr ħlief jekk u meta dan ikun ordnat fid-deċiżjoni finali fuq ir-rikors **69/2024AB** imsemmi.

# DECIDE

**Għaldaqstant bis-saħħa tal-Artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012 il-Qorti filwaqt li tiċħad l-ewwel parti tat-tieni talba tar-rikorrent, tilqa' l-ewwel talba u t-tieni parti tat-tieni talba tar-rikorrenti fis-sens li tissospendi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru de quo b'mod li ebda parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira, tiżbanka jew tiġbed ċedoli jew flejjes depożitati fl-atti tal-mandat tas-sekwestru f'dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 69/2024AB.**

**Il-Qorti tordna li dan id-digriet jiġi immedjatament notifikat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jinnotifika lill-partijiet b'dan id-digriet.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Ft/Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**